MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 17/2013

**Tom Mix Limited**
**(C 38494)**

**vs**

**One Blue Lemon Company Limited**
**(C 35631)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Jannar 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' hames t'elef mija u tnejn u tletin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€5,132.23) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizz ta' garr ta' merkanzija lilha ipprezentata.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali datata 26 ta' Novembru 2012, l-ittri bonarji datati 11 ta' Lulju 2012, 2 ta' Novembru 2012 u 12 ta' Novembru 2012 w il-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuta permezz ta' affissjoni gewwa l-Ghassa u il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi kif ukoll fl-indirizz ta' l-istess kumpannija fit-28 ta' Marzu 2013.

Rat illi l-avviz tal-kawza gie ppubblikat fil-gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' April 2013 u fil-gazzetta lokali 'The Malta Independent' fis-26 ta' April 2013.

Rat illi, permezz ta' nota ipprezentata fir-registru fl-14 ta' Mejju 2013, Dr Richard Galea Debono, bhala Stralcarju appuntat mill-Qorti tas-socjeta konvenuta ammetta it-talbiet kif dedotti.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2013 deher rapprezentant tas-socjeta' attrici izda hadd mis-socjeta intimata u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat in-nota ta' ammissjoni, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef mija u tnejn u tletin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€5,132.23) rapprezentanti bilanc kif ahjar deskritt fl-avviz flimkien mal-imghax ulterjuri mill-11 ta' Jannar 2013 sal-jum tal-pagament effettiv ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------